MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 1369/2000/1

**Grima Communications Limited**

**Vs**

**Aspects Limited**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta` attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta` sitt mija u disgha liri, disa` u ghoxrin centezmu (Lm609.29), li jirrapprezentaw il-bilanc ta` prezz ta` reklami li xandru fuq l-istazzjon Live F m fuq ordni tas-socjeta` konvenuta matul 1996 u 1999.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-20 ta` Awissu u bl-imghax legali sal-effettiv pagament u bil-konvenuti

ngunti ghas-subizzjoni kif ukoll id-dokument anness mieghu a fol. 2 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 12 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li s-socjeta` konvenuta m`hijiex responsabbli ghas-somma pretiza mis-socjeta` attrici u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta` l-istess socjeta` konvenuta a fol. 27 ibid u li biha eccepiet ulterjorment bir-rispett:-

1. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, il-krediti pretizi mis-socjeta` attrici minghand is-socjeta` konvenuta kif indikati fl-avviz tas-socjeta` Grima Communications Limited ma jezistux (ara wkoll fol. 43, 44 u 45 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Joseph Grima</u> (fol. 19, fol. 40 u fol. 47 et seq ibid), bhala direttur tas-socjeta` attrici spjega illi dik konvenuta hi agenzija involuta f`reklamar fuq il-mezzi ta` telekomunikazzjoni u dan f`isem terzi persuni naturali jew legali. Difatti s-socjeta` konvenuta kienet ipprenotat, in konnessjoni ma` dan il-kaz, kumpanija f`isem kumpanija ohra Dacoutros Ltd, fuq ir-“radio” mmexxi mis-socjeta` attrici. Dawn ir-riklami kienu saru u s-socjeta` konvenuta kienet talbet l-ewwel kont ammontanti ghal Lm 191, kif muri fuq id-dokument a fol. 2 tal-atti u li jgib id-dati ta` Novembru, 1996. Dawn ir-reklami kienu jigu trasmessi kuljum waqt li l-fatturi relattiva kienet tintbaghat lis-socjeta`

konvenuta kull xahar. Wara l-ewwel pagament, pero`, jidher li kien hemm waqfien fil-pagamenti u ghalhekk kienet giet inkarigata kumpanija ohra involuta fil-gbir ta` dejn bl-isem ta` CSB Limited u din ta` sikwit bdiet tibghat fatturi lis-socjeta` konvenuta. Eventwalment kien sar ftehim li din ta` l-ahhar thallas rati mensili ta` Lm50. Difatti jidher mill-istess dokument a fol. 2 illi kienu gew effettwati tmien (8) pagamenti b`din ir-rata izda mhux kull xahar kif kien miftiehem imma fi spazju ta` madwar sentejn. Eventwalment dawn il-pagamenti kienu waqfu u b`hekk fadal bilanc dovut skond kif specifikat fl-avviz. Sussegwentement kien gie mitlub jaghtih aktar dettalji dwar l-ammont inizjali indikat bhala debitur u ammontanti ghal Lm1,124.16. Hu qal li l-fatturi kienu jintbaghatu mis-socjeta` CSB Limited imsemmija. Hu qal ukoll illi fil-pussess tas-socjeta` attrici "kien hemm xi kopji ta` 'invoice' jew 'invoices' u ppremetta li jesebixxi dawn fl-istess proceduri. Pero` sussegwentement hu kkorega ruhu billi qal li l-fatturi kienu fil-pussess tas-socjeta` "CSB" imsemmija (Dwar l-istess fatturi ara wkoll fol. 52 ibid).

Illi gie prodott <u>Michael Zammit</u> (fol. 55 et seq ibid) in rapprezentanza tas-socjeta` "CSB Limited" xehed li darba fix-xahar kienu jingabru kuntratti ta` reklamar minghand is-socjeta` attrici u a bazi ta` dawn id-dokumenti kienu jinhargu l-fatturi ossija kontijiet relattivi. Difatti id-dokument a fol. 2 li hu "statement" u mhux fatturi kien inhareg mis-socjeta` rapprezentanti minnu (ara wkoll fol. 58 ibid). Dwar l-istess fatturi li nhargu fl-1996 hu kien obbliga ruhu li jfittixhom u jesebihom. Pero` hu qal meta riprodott, illi ma kienx sab dawn il-fatturi u d-dokument a fol. 2, 58 u fol. 62) kien <u>l-unika dokument</u> li seta` jigi rintraccat. Dwar l-istess "statement" hu sostna illi ma kien sar l-ebda ilment mis-socjeta` konvenuta meta l-istess "statement" kien intbaghat lilha. Inoltre hawn hekk ix-xhud spjega li fl-istess zmien meta s-socjeta` "CSB Ltd" kienet inghatat l-inkarigu msemmi, "… kien inharaq l-premises…" tas-socjeta` attrici.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi Jo-Anna Portelli, direttrici tas-socjeta` konvenuta xehedet permezz ta` “affidavit” a fol. 66 u fol. 67 ibid. Din bdiet billi tghid illi fl-1996, is-socjeta` attrici kienet baghtet “itemised statement” li fuqu kien hemm inkluza fattura ta` Lm 400 “… ghal xi reklami ta` “Portanier Brothers Limited”. In vista li din l-ahhar ditta ma kienetx klijenta tas-socjeta` konvenuta, dik attrici kienet intalbet sabiex jitnehha dan l-ammont minn dan l-“statement”. Sussegwentement, pero`, is-socjeta` attrici ma baghatet l-ebda “itemised statement” ulterjuri izda b`figura totali wahda. Dwar dan it-tip ta` “statements”, is-socjeta` konvenuta kienet oggezzjonat ghalihom. Sussegwentement hi qalet li kien minnu illi “… waqajna lura f`xi pagamenti” u kien intlahaq arrangament mad-ditta “CSB Ltd” fis-sens illi “… kellna nhallsu biss l-ammont li konna nsostnu ahna li kien dovut skond ir-‘records’ taghna u ghalhekk sakemm jithallas dan l-ammont, kellhom jsiru pagamenti mensili ta` Lm 50 il-wiehed. Difatti, hi ssostni li l-ahhar pagament skond id-dokument a fol. 2 ibid kellu jkun l-ahhar wiehed a saldu tal-ammont kollu dovut u dan a bazi tal-imsemmi ftehim mas-socjeta` CSB Limited. Inoltre hi specifikat illi l-ammont imnizzel fuq l-istess “statement” a fol. 2 bhala Lm 191.25 kien l-ahhar pagament dovut in konnessjoni mal-kumpanija msemmija *vis-à-vis* is-socjeta` “Dacoutros Limited” waqt li l-pagamenti sussegwenti ta` Lm 50 fix-xahar kienu relatati ma` xoghol iehor ta` reklamar (ara fol. 68, fol. 69 u fol. 70 ibid). Fl-ahhar nett dwar l-inkarigu moghti minn Dacoutros Limited, ix-xhud issottolinejat illi ma setax kien hemm “launching of a new product” ftit qabel Jannar, 1996 peress li n-negozju relattiv ghall-prodott involut (“Caprisun”) kien waqaf fl-1994 u difatti s-socjeta` konvenuta kienet iprenotat dan ir-riklamar konness ma` dan il-prodott fl-1993. Dwar dan l-ahhar punt, is-socjeta` konvenuta esebit diversi “cheques” mahrugin minn “Dacoutros Limited favur is-socjeta` konvenuta u li kollha ma kienux gew onorati, liema “cheques” (fol. 83 sa fol. 94 ibid) kienu nhargu sal-1 ta` Settembru, 1994), kif ukoll ipproduciet affidavit ta` John Dacoutros (fol. 73 ibid) li specifika li r-reklamar in esami kien sar “… sal-bidu tas-sena elf, disa` mija, hamsa u disghin (1995) sakemm l-

operat tas-socjeta` rapprezentata minnu kien waqaf f`Mejju, 1996".

Illi l-ahhar xhud prodott mis-socjeta` konvenuta kien Claudette Fenech (fol. 81 u fol. 82 ibid u din qalet li s-socjeta` u John G. Dacoutros (Enterprises Limited) qatt ma kienet likwidata izda isimha kien gie mibdul fis-26 ta` Novembru, 1997.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, jidher evidenti illi hu difficli li l-istess Qorti tkun tista` takkolji t-talba attrici. Dan hu minhabba l-fatt illi hemm nuqqas gravi ta` dokumenti sabiex l-istess Qorti tkun konvinta fuq bazi ta` probabilita`, illi l-ammont mitlub hu effettivament dovut. Hawn hekk qed issir referenza b`mod specjali ghan-nuqqas totali ta` fatturi sabiex wiehed jista` jara, b`referenza ghad-dokument a fol. 2 ibid, ghal liema ragunijiet kien ghadu dovut f`Jannar, 1996, l-ammont ta` Lm 1,124.18 hemm specifikat bhala "brought forward" ossija "B/F".

Illi, inoltre da parti tas-socjeta` konvenuta, ngiebu provi li a bazi taghhom, il-Qorti tista` tikkonvinci ruhha illi, effettivament il-pagamenti li saru kienu a saldu ta` kull pretenzjoni da parti tas-socjeta` attrici.

Illi, ghalhekk, tenut kont ta` l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, il-konkluzzjoni ghandha tkun li dak mitlub fl-avviz in esami ma giex pruvat fil-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li l-ispejjez, konsiderati c-cirkustanzi tal-kaz in esami, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------